**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 158/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs.**

**Fabian Vella**

Illum 7 ta' Frar 2023

Il Qorti:

Rat li tressaq Fabian Vella ta' 35 sena, bin Anthony u Rita xebba Azzopardi, mwieled Pieta nhar is-17 ta' Novembru 1981 u resident 25, Deemer, Triq it-Tarzna, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 646881(M).

U nakkuzah talli nhar 03 ta' Marzu 2017 ghall-habta ta' 20:45Hrs ikkommetta serq ta' flus kontanti u / jew ogetti ohra minn gewwa ir-residenza 8, Triq il-Karmnu, Rahal il Gdid u jew f'dawn il-Gzejjer liema serq huwa ikwalifkat bil-

vjolenza, mezz, lok u hin ghad-detriment ta' Giulietta Lughermo minn Rahal il-Gdid u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi f'dawn xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli ikkagunajt griehi ta' natura hafifa fuq il-Persuna ta' Giulietta Lughermo skond kif icertifika Dr. Martin Mallia minn Paola Health Centre

U aktar talli hebbejt ghall-persuna ta' Giulietta Lughermo sabiex tingurjaha idejaqa jew taghmilla hsara.

U aktar talli nhar 02/03/2017 ghall-habta ta' bejn 17:55Hrs u 18:45Hrs minn gewwa il-Muzew tas-Subien li jinsab fi Triq it-Tempji Neolitlic Hal Tarxien ikommetejt serq ta' kaxxa mimlija bid-donazzjonijet u/jew ogetti ohra liema serq huwa ikwalifikat bil-lok ghad-detriment ta' John Magro minn Hal Qormi u Christopher Catania minn Hal Tarxien u jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi f'dawn xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli nhar 20/03/2017 ghall-habta' ta; bejn 15:15hrs u 16:00Hrs minn gewwa ir-residenza 57, Summit Court, Flat 3, Triq Amleto Spiteri Qormi u/jew f'dawn il-Gzejjer ikomettejt serq ta' Portmoni bi flus kontanti u/jew ogetti ohra liema serq huwa ikwalifkat bil-persuna u il-lok ghad-detriment ta' Teresa Micallef minn Hal Qormi u jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi f'dawn xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan

sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli kiser il-Provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu mill Qrati tal-Magistrati Malta Mgt.Dr. A. Bugeja LL.D.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-3 ta' April 2017, 11 ta' April 2017 u tal-5 ta' Ottubru 2020, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Settembru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda li kienu diga gew prodotti u terga tiehu konjizzjoni mill-gdid tad-dokumenti li kienu instemghu u esebiti quddiem il-Qorti kif kienet qabel diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta illum.[3]

[1] Folio 2, 7, 10, 11, 345 u 346 ta' l-atti processwali
[2] Folio 230-232 ta' l-atti processwali
[3] Folio 241 ta' l-atti processwali

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar is-6 ta' Novembru 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[4]:

a. Fl-artikoli 261(a), 261(b), 261(e), 261(f), 262, 263, 264, 265, 266, 269, 270, 274(c), 276, 277, 278, 281, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

c. Fl-artikoli 214, 215 u 221(1) [kif kien qabel l-emendi introdotti permezz ta' Att XIII tal-2018 u Att XXXII tal-2018] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 261(e), 269, 281, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-artikoli 261(d), 261(e), 268, 269, 281, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Fl-artikoli 7 u 23 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

k. Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[4] Folio 348-349 ta' l-atti processwali

Rat li matul is-seduta datata 12 ta' Novembru 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar it-12 ta' Novembru 2020[6].

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar is-26 ta' Mejju 2021.[7]

Rat illi fl-istess udjenza d-difiza talbet li jigi mhejji Social Inquiry Report minn ufficjal tal-probation, liema rapport gie mhejji u prezentat.[8]

Rat illi l-imputat talab lill-Qorti sabiex tawtorizza konverzjoni bhala Qorti tar-Riabilitazzjoni tad-Droga, liema talba giet michuda permess tad-digriet tas-27 ta' Gunju 2022.[9]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda, sottomissjonijiet u dokumenti li nstemghu u gew esebiti quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel gie assenjata lil din il-Qorti kif illum presjeduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

---

[5] Folio 358 ta' l-atti processwali
[6] Folio 359 ta' l-atti processwali
[7] Folio 367 ta' l-atti processwali
[8] Dok MFS1, Folio 383-421 ta' l-atti processwali
[9] Folio 455-463 ta' l-atti processwali

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2022.[10]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghall-perjodu ta' Marzu 2017 meta kien gie rapportat li l-imputat ikkometta diversi serqiet varji, kif ukoll ikkaguna griehi u laqa ghandu hwejjeg misruqa.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 t'April 2017 xehed **PS 1336 Luke Vella Casha**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid li spjega li fit-3 ta' Marzu 2017 kien dahal rapport minn membri tal-MUSEUM ta' Hal Tarxien li kienet insterqet kaxxa tal-flus li allegatament kien fiha bejn €30 u €50. Fil-post minn fejn giet nieqsa l-kaxxa, l-kwerelanti kienu sabu flixkun tal-Fanta li ma kienx inxtara mill-MUSEUM. Minn naha tieghu, ix-xhud informa lill-Ispettur Chantelle Casha bl-akkadut u giet involuta t-Taqsima Forensika. Ix-xhud kompla jispjega li fl-istess jum ghall-habta tad-21:00hrs, dahal rapport iehor minn naha tat-Telecare li ftit minuti qabel kien hemm anzjana li xi hadd kien dahlilha d-dar u hadilha xi flus. Ix-xhud irrikorra fuq il-post immedjatament u l-anzjana, Giulia Lughermo,

[10] Folio 478-480 ta' l-atti processwali

stqarret li l-malvivent kien liebes *boiler suit* u beritta sewda u kien qalilha li kien ufficjal tal-Water Services Corporation. Ghalkemm hija ma rieditx tiftahlu, skont hi, dan dahhal idu minn bejn il-hadid tal-bieb u b'hekk fetah minn gewwa u dahal. Waqt li kien gewwa beda jghidilha tmur tiftah il-viti ta' kmamar differenti. F'daqqa wahda l-komportament tieghu inbidel u filwaqt li qabadha minn wiccha, beda jgheddidha b'tornavit biex tghidlu fejn izzomm il-flus. Il-malvivent spicca biex hadilha €20 mill-portmoni u telaq 'il barra. Minn naha tieghu, ix-xhud stqarr li ra li Lughermo kellha xi griehi f'wiccha u talab ghall-assistenza mic-Centru tas-Sahha, fejn irrikorra fuq il-post it-Tabib Dr Martin Mallia. In kontro-ezami, ix-xhud spjega li r-rapport dwar il-kaxxa misruqa sar ghall-habta tat-08:00hrs u sar mis-Superjur tal-MUSEUM, certu John Magro kif ukoll Christopher Cachia. Il-kaxxa kienet qieghda fuq mejda gewwa l-bottegin tal-MUSEUM. Fir-rapport, il-kwerelanti ma kienux qalu jekk il-kaxxa kienitx imwahhla fissa u jekk kienitx imsakkra. Rigward ir-rapport maghmul minn Giulia Lughermo, ix-xhud qal li meta huwa acceda fuq il-post, ra li Lughermo kellha xi dmija ma wiccha.

Fl-istess seduta xehed **John Magro**, is-Superjur tal-MUSEUM ta' Hal Tarxien. Spjega li nhar it-3 ta' Marzu 2017 huwa kien qed jghallem it-tfal fil-klassi ta' ma genb l-intrata u ra lil xi hadd hiereg mill-post. Meta x-xhud staqsieh x'ghandu bzonn, dan qal li jrid jibda' jiehu lit-tifel ghall-lezzjonijiet u wara li x-xhud wiegbu, baqa' hiereg 'il barra. Ix-xhud identifika lil dan ir-ragel bhala l-imputat prezenti fl-awla. Fiz-zmien li sehh l-akkadut, il-post kien ikun bil-bieb ta' barra miftuh u ladarba wiehed ikun dahal fil-binja, kien facli li jibqa' sejjer lejn il-kcina fejn kien hemm il-kaxxa tal-flus li sfat nieqsa. Ma kienx hu li nduna li l-kaxxa kienet nieqsa minhabba li dakinhar kien telaq kmieni biex imur jara lil xi hadd l-isptar. Ikkonferma li r-rapport mal-Pulizija sar l-ghada, l-4 ta' Marzu 2017. In kontro-ezami spjega li l-kaxxa kienet tal-MUSEUM u min kien jiehu hsiebha kien qed jghallem it-tfal fil-hin li allegatament sfat nieqsa. Spjega li fil-

post fejn kien hemm flixkun tal-Fanta li baqa' ma ntmessx sakemm gew il-Pulizija fuq il-post u ghamlu l-investigazzjonijiet necessarji. Ix-xhud iccara illi huwa ma kienx ra lill-imputat diehel fil-MUSEUM imma biss hiereg. Filwaqt li qal ukoll li ma kienx ra xi kaxxa jew oggett f'id l-imputat, spjega li l-kaxxa kienet zghira daqs karta A5 u kient hafifa hafna, fatt li jaghmilha facli li tinheba.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Christopher Catania**, socju tal-MUSEUM. Huwa stqarr li nhar it-3 ta' Marzu 2017, ghall-habta tas-18:45hrs mar fejn soltu jkun hemm il-kaxxa tal-flus u ma sabhiex hemm. Il-kaxxa in kwistjoni hija wahda fejn jinzammu l-flus provenjenti mill-bejgh ta' xi oggetti mill-MUSEUM u kien responsabbli minnha x-xhud bil-permess tas-Superjur. Kien fiha cirka €50 u kienet tinzamm fil-kcina. Spjega li l-bieb principali tal-MUSEUM fi Triq it-Tempji Neolitici, Hal Tarxien, generalment ikun miftuh jew imbexxaq u biex tasal ghal fejn kienet il-kaxxa tal-flus, irid ikollok idea tal-post. In kontro-ezami, eskluda li dakinhar kien ra lil xi persuni mhux tas-soltu fil-MUSEUM jew inkella xi haga stramba. Spjega li ma kienx izomm elenku tal-flus li jkun hemm fil-kaxxa imma rreitera li mill-memorja, jaf li kien hemm madwar €50. Spjega li fejn soltu kien ikun hemm il-kaxxa, kien instab flixkun tal-Fanta li imbaghad kienu saru ezamijiet fuqu minn ufficjali tal-Forensika.

Fis-seduta tas-26 t'April 2017 xehed **PS 959 Daniel Formosa**, stazzjonat fit-Taqsima Forensika, li halef u pprezenta rapport kongunt maghmul minnu flimkien ma PS 122 Arthur Borg. Ir-rapport jikkoncerna investigazzjoni li saret fil-fond 8, Triq il-Karmnu, Rahal Gdid, id-dar ta' Giulia Lughermo, minn fejn gew elevati zewg impronti digitali.

Fl-istess seduta xehdet **Giulia Lughermo** li spjegat li meta sehh l-akkadut, kien ghall-habta tas-18:00hrs u hija kienet id-dar taghha 8, Triq il-Karmnu, Rahal Gdid u hekk kif kienet sejra torqod, daqq il-bieb ta' barra u hekk kif fethet il-purtella, rat ragel ma wiccha li identifikat bhala l-imputat prezenti fl-awla. Dan

kien qal li kien "tal-ilma" u talabha turih fejnu l-*main* u talabha tornavit. F'daqqa wahda, ghamel idejh ma wiccha u staqsiha fejn kellha l-flus u d-deheb. Wiegbed li ma kellha xejn ghajr €20 fuq il-mejda. Waqt li l-imputat kien qed idur mad-dar jara x-ser isib, ix-xhud irnexxielha taghfas it-*telecare* u hekk kif dan beda jdoqq, l-imputat sparixxa minn fuq il-post. Il-Pulizija ma damux ma waslu fuq il-post imbaghad. Qalet li meta sehh dan hija kellha 87 sena u hadet kedda kbira, specjalment ghax f'hin minnhom, l-imputat imbuttaha u waqqaha mal-art. Minn fuq il-post, l-imputat ha l-€20 li kien hemm fuq il-mejda. In kontro-ezami qalet li kienet waqghet mal-art qabel mal-imputat ghamel idu fuq wiccha. Kienet taf min hu l-imputat minhabba li kienet hbieb ma familjari tieghu, specjalment ommu li llum hija nieqsa.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2017 xehdet **Theresa Micallef li** spjegat li f'jum tax-xitwa wara nofsinhar, mar id-dar taghha l-imputat Fabian Vella, li hija gharfet fl-awla. Lil Vella kienet tafu minn qabel minhabba li kien pazjent l-isptar hdejn ir-ragel taghha qabel ma dan tal-ahhar gie nieqes. Vella beda jitkellem fuq diversi affarijiet u f'hin minnhom talab lix-xhud biex turih is-salib li kien hemm fuq it-tebut ta' zewgha u kella tmur iggibu minn karma ohra. Ghall-habta tal-16:15hrs, Vella telaq. Xi hin wara, ix-xhud fittxet il-portmoni biex tmur tixtri u ma sabitux. Spjegat li l-portmoni, li kellu fih madwar €300 u xi c*ards* bankarji, kien fuq mejda fil-kamra fejn kien qieghed Vella, ghalkemm meta hija allontanat ruhha mill-kamra biex iggib is-salib, kien hemm it-tifla taghha hemmhekk. In kontro-ezami spjegat li hija ma kienitx taf li Vella kien gej ghandha u allura gie ghal gharrieda.

Fl-istess seduta xehdet **Chantelle Theuma,** bint Theresa Micallef ix-xhud precedenti. Spjegat li fil-jum in kwistjoni, hija waslet mix-xoghol u dahlet id-dar t'ommha, fejn kien hemm l-imputat Fabian Vella fil-kcina hdejn il-*fridge*. Fir-rigward tal-portmoni t'ommha, qalet li ma kienitx ratu fl-apert, la x'hin kien

hemm Vella u lanqas wara. Saret taf li l-portmoni kien nieqes minhabba li qaltilha hekk ommha.

Fl-istess seduta xehed **PS 362 Wayne Borg**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Qormi li spjega li nhar l-20 ta' Marzu 2017, irraportat gewwa l-ghassa Theresa Micallef li stqarret li kienet gie derubata minn portmoni kontenenti madwar €300 minn gor-residenza taghha. Is-suspett taghha kien fuq certu Fabian Vella li kien dahal id-dar taghha aktar kmieni dakinhar. Ix-xhud kien tkellem ukoll ma Chantelle Micallef, illum Theuma, li hija bint Theresa Micallef. Din kienet prezenti waqt li Fabian Vella kien ghand ommha u stqarret li rat l-agir tieghu daqsxejn stramb fis-sens li kien agitat u f' daqqa wahda telaq minn fuq il-post qisu bla kliem. Ix-xhud ipprezenta r-rapport relattiv ghal dan l-incident. Huwa ma kellu l-ebda involviment iehor fil-kaz.

Fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2017 xehed **PS 122 Arthur Borg**, stazzjonat fit-Taqsima Forensika, li xehed li nhar it-3 ta' Marzu 2017, kien inkarigat sabiex jaghmel xoghol ta' fotografija gewwa l-fond tal-MUSEUM, Triq it-Tempji Neolitici, Hal Tarxien. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Spjega li l-ezamijiet ghall-impronti digitali irrizultaw fin-negattiv.

Fl-istess seduta xehdet **Mary Busuttil,** tahdem mat-*Telecare*. Ikkonfermat li hija kienet irrispondiet ghas-sejha ghall-ghajjut ta' Giulia Lughermo, liema sejha kienet dahlet fit-3 ta' Marzu 2017 fid-21:31hrs. Ir-rapport kien li dahal helliel fuq Lughermo u fuq il-post intbaghtet ghajnuna tal-Pulizija u mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid. In kontro-ezami, ix-xhud eskludiet li Lughermo kient tat deskrizzjoni tal-aggressur.

Fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2017 xehed **it-Tabib Dr Martin Mallia**, adett fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, li stqarr li huwa kien ezamina lill-Giulia Lughermo u kkostata li barxa fuq in-naha ta' barra tal-ghajn tal-lemin u ftit

demm akkumulat taht il-gilda lejn il-ponta ta' imnehirha. Ma eskludiex li l-griehi setghu kienu kompatibbli ma daqqa hafifa fil-wicc jew inkella xi waqa'. In kontro-ezami, spjega li meta invistaha, Lughermo kienet qaltlu li l-aggressur kien zammha minn wiccha u b'hekk gew il-griehi.

Fl-istess seduta xehed **John Mallia**, espert dwar l-impronti digitali mahtur mill-Qorti. L-espert halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu u spjega li fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2017 kien gie awtorizzt jiehu kopja tal-impronti digitali u tal-pala tal-idejn tal-imputat Fabian Vella. Spjega ukoll li in segwitu tal-ezami komparattiv illi huwa ghamel, kien hemm qbil tal-impronta tas-subgha l-kbir tal-id leminija tal-imputat mal-impronta elevat mill-ufficjali tat-Taqsima Forensika mir-residenza ta' Giulia Lughermo.

Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2019 xehdet **Dr Marisa Cassar**, esperta dwar id-DNA mahtura mill-Qorti, li halfet u pprezentat ir-relazzjoni taghha.

Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020 xehed **l-ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler** li pprezenta kopja tas-*social inquiry report* relattiv ghall-imputat. Spjega li mill-investigazzjoni li ghamel, jirrizulta li l-imputat kellu trobbija tajba izda imbaghad kellu xi episodji negattivi f'hajtu li wassluh biex jaghmilha ma kumpanija hazina u jaqa' ghal vizzju tad-droga. Stqarr li kien hemm xi progress tramite program residenzjali u l-ahhar testijiet tal-awrina li kienu indikaw li l-imputat kien *clean*. In konkluzjoni, issugerixxa li l-imutat ifittex ghajnuna psikologika sabiex jigu indirizzati xi trawmi passata.  L-istess xhud rega xehed nhar is-16 ta' Novembru 2021 fejn rega gie esebit kopja ta' l-istess rapport.  L-ufficjal irraporta li l-imputat qed jaghmel progress fir-riabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga specjalment minn mindu hareg mill-habs.

Fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022 xehdet **Dr. Roberta Holland** [11]li esebit rapport dwar l-imputat.[12] Ix-xhud spjegat li l-imputat kellu storja ta' dipendenza tad-droga ta' diversi sustanzi minn eta zghira u li baqghet mieghu tul hajtu u li fil-prezent kien qieghed jaghmel uzu mil-methadone sabiex jghinnu jikkontrolla l-vizzju.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[13], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas*

[11] Folio 426-428 ta' l-atti processwali
[12] Dok RH1, Folio 429-452 ta' l-atti processwali
[13] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***<u>ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'</u>****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[14] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[15]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[16] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat".*

[14] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[15] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[16] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[17] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[18]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but*

[17] deciz 5/12/1997

[18] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghall-provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[19] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana*

[19] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[20] gie kkunsidrat:

> *'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

Illi l-imputat huwa akkuzat tali ikometta serq ta' diversi ammonti ta' flus go tlett postijiet differenti liema serq huwa aggravate kolletivament bil-vjolenza, mezz, lok, hin u persuna.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[21].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(a)(b)(d)(e) u (f) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-vjolenza, mezz, persuna, lok u hin . Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

[21] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-lok jista jsir meta jsir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha.

L-aggravju tal-persuna, huwa kkunsidrat meta ssir minn mis-seftur, mistieden jew xi hadd tal-familja tieghu, lukandier, tvernar, sewwieq ta' vettura, barklor kif ukoll meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xoghol, haddiem, profesur, artista, suldat, bahri jew impjegat iehor.

Skond il-Kodici Kriminali, l-aggravju tal-vjolenza issir skont il-kwalifiki ta' l-artikolu 262(1)(a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali u li huwa bizejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex ighin il-konsumazzjoni tad-delitt.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-hin ssir meta s-serq issir bil-lejl u cioe bejn inzul ix-xemx u t-tlugh ix-xemx.

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' ricettazzjoni**

L-imputat tressaq skond l-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.*

Il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruqa b'qerq jew akkwistati b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[22] gie kkunsidrat li:

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l- oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[23] gie kkunsidrat li:

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)
[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[24]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[25] dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat gie ritenut:

*"L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub qerq jew akkwistat b'xi wiwhed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi…"*

L-istess Qorti tikkowota l-gurista **Franceso Antolisei** li jghid:

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva*

[24] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998
[25] Qorti tal-Appell Kriminali, S.T.O Prim Imhallef Emeritus V. De Gaetano, Deciza 25 ta' Ottubru 2002

*di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

In olter l-gurista **Manzini** jghallem illi:

*"Poiche' il denaro o le cose, che possono essero ogetto del delitto di ricetazzione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi 'ricettazzione' senza che il fatto si riconnetta ad un delitto anteriore."*[26]

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputat xjentement laqgha ghandu dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ma huiex prova sal-grad rikjest mill-ligi li suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Il-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni**

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Chantelle Casha jirrizulta li l-pulizija kienu rrcevew rapport minn certu Theresa Micallef li stqarret li certu Fabian Vella li kienet taf, mar ihabbtilha d-dar u wara li telaq indunat li kien sparixxa l-portmoni taghha bil-flus u affarijiet personali taghha.

Aktar tard dik il-gimgha l-pulizija regghet giet informata dwar serqa ohra minn gewwa residenza ohra ta' mara anzjana geww Rahal Gdid fejn kienet itellghet *fingerprint* li kienet qablet ma ta' l-imputat kif ukoll dwar serqa ohra fejn kienet insterqet kaxxa ta' donazzjonijiet mill-Muzew tas-subien ta' Hal- Tarxien u dan hekk kif jirrizulta mill-okkorenza tal-pulizija bir-referenza NPS 3/E/768/2017[27]

[26] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, VOume Nono, Folio 914
[27] Dok CC1, CC2, CC3, Folio 15-27

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet**

**Is-serqa minn gewwa r-residenza ta' mara anzjana Gulia Lughermo, 8 Triq il-Karmnu, Rahal Gdid.**

Illi skond ir-rapport tal-pulizija[28] gie rapportat gewwa l-ghassa ta' rahal gdid nhar it-3 ta' Marzu 2017 minn certa Ms Busuttil mit-Telecare, li mara anzjana kellha bzonn l-assistenza gewwa 8, Triq il-Karmnu, Paola peress li ragel mhux maghruf kien dahal fir-residenza taghha.

Meta l-pulizija tkellmu mal-mara anzjana hi informathom li l-persuna li dahhlilha *"kien ragel kien liebes, boiler suit griza beritta sewda, naqa mibrum u Malti u kien harab bil-giri."*[29]

Fir-rapport hemm imnizzel:

*"Gulia stqarret li ftit qabel, hija kienet qieghda gewwa r-residenza taghha u daq il-bieb, x'hin marret tara min kien gie, hija fethet it-tieqa tal-bieb u l-persuna mhux maghrufa, qalla li huwa kien ma tal-ilma. Hija qaltlu li dak il-hin ma kinietx ser tiftahlu ghax kien sar il-hin. Hija kompliet tghid li huwa beda jghidilha li jekk ma thallihx tidhol kien ser ikollha hafna ilma u ghalhekk huwa dahhal idejh, fetah il-bieb u imbattah. Kompliet tghid ukoll li huwa kien ippunta lejn daru u kien indikala xi kliem li kellu fuq daru sabiex jikkonvinciha li vera kien ma ta' l-ilma.*

*Wara li huwa kien beda jghidilha tiftah l-ilma mil-kcina u kif ukoll kienet taghtu xi odda biex jahdem fosthom turnavit, huwa beda jitlobha l-flus. Gulia ziedet tghid li huwa kien qabada minn wicca u imbuttaha ma l-art u beda jghidilha li jekk tghajjat jifgaha. Huwa umbad beda jqalleb fil-kamra u kompla jghidilha biex ittih il-flus fejn hija qaltlu*

[28] Dok CC2, Folio 19-21 ta' l-atti processwali
[29] Folio 21 ta' l-atti processwali

*li kull ma kellha huma €20. Gulia kompliet tghid li x'hin taghtu l-flus, hija rnexxiela tafas it-telecare u x'hin ra hekk il-malvivent harab jigri minn fuq il-post."*[30]

Mix-xhieda ta' PS 1336 Luke Vella Casha jirrizulta li kien attenda fuq il-post u l-vittma qaltlu li ftit minuti qabel *"kien hemm persuna li skont hi kien liebes boiler suit b'xi skrizzjoni fuq dahru u b'beritta sewda u li dan kien dahlulha u mbaghad harab minn fuq il-post bil-girja…"*[31]

Ix-xhud ikompli jghid li l-vittma qaltlu li *"minflok beda jghidilha biex taghtih il-flus biex tindikalu fejn qieghdin il-flus u beda jqalleb fl-istess kamra, f'hin minnhom qabad turnavit u ghamilulha maggha biex qisu jheddidha biex taghtih il-flus, kif ukoll ghamilha xi griehi f'wiccha u kellha xi griehi.*[32]

Il-vittma spejgat lill-pulizija li hadilha madwar ghoxrin euro minn portmoni isfar u:

*"…qalet li qabadha minn wiccha, kif ukoll tipo beda ikaxkarha qisu biex jibda' jghidilha u beda jghidilha ukoll biex ma tghid lil hadd dak li qed jigri, biex ma tghajjatx."*[33]

Ix-xhud jikkonferma li hu stess ra li l-vittma kellha gerha fuq wiccha u li kellha dmija fuq wiccha dak il-hin.[34]

Mix-xhieda tal-vittma Giulia / Giuletta Lughermo irrizulta li dak in-nhar tar-reat, kienet gewwa r-residenza taghha. L-imputat kien dahal ghandha bl-iskuza li kien hemm fuq xoghol.

*"Qalli jiena ta' l-ilma qalli ghandek il-hsara fil-main u dan kien gewwa qalli tini turnavit u jiena ghidt f'qalbi ghidt imma turnavit x'jambih ghax ir-ragel ta' binti plumber imma ma jaghtihomliex ma jitlobniex turnavit."*[35]

---

[30] ibid
[31] Folio 38 ta' l-atti processwali
[32] Folio 38 ta' l-atti processwali
[33] Folio 38 minn wara ta' l-atti processwali
[34] Folio 41 ta' l-atti processwali
[35] Folio 74 ta' l-atti processwali

Wara li taghthomlu

*"imbaghad tajtulu bdejt nibza nimxi u nibza mieghu, imbaghad qalli issa din l-ewwel wahda t-tieni ara taghjjat, ara taghjjat qalli il-hin kollu jghidli ara taghjjat u jiena ma nistax ridt naghjjat, imbaghad qalli fejnhom il-flus u d-deheb? Ghidtlu ma ghandiex ghax ghidtlu jien bil-penzjoni nghix ghidtlu ghandi ghoxrin euro qieghda fuq il-mejda biex nidhadded sinciera ruhi ghidtlu mur huda ghidtlu u hallini ma ridtx jisma ma semghax u domna nduru mill-intrata l' hemm mal-ewwel il-hin kollu b'dan b'idejh fuq wicci qalli tallaghni fuq ghidlu le, jiena ma niflahx nitla fuq ghax jiena ghandi n-nerv maqtuh ta' sieqi, qalli u baqa jghid hekk baqa jghid ara tghajjat ara tghajjat darba minnhom qalli ghax noqtlok, jiena bzajt ghax kellu turnavit f'idu imbaghad domna qed nghidlek domna nimxu l'hemm u l'hawn, domna nimxu l'hemm u l'hawn u din lanqas minuta….*[36]

Waqt ix-xhieda taghha l-vittma gharfet lill-imputat bhala l-persuna li dahhal gewwa d-dar, seraqha u aggrediha.

Ghar-rigward il-mod ta' kif kienet giet aggredita, x-xhud stqarret li f'mument minnhom kien ghamlilha idu ma wiccu u kienet waqghet ghaliex kien imbuttah.[37]

Madankollu in kontro ezami, ix-xhud spjegat li malli dahal l-imputat gor-residenza taghha hi waqghet ma l-art.[38]

Mix-xhieda ta' Mary Busuttil[39] li tahdem Telecare li tipprovdi servizzi lill-anzjani irrizluta li f'Marzu tas-sena 2017 dahlet telefonata ghal-habta ta' bejn id-disa' u kwart u d-disa' nofs ta' filghodu fejn kien hemm mara anzajna tghajjat ghall-ghajjut u cemplet ma' l-ewwel lill-pulizija.

---

[36] Folio 75 ta' l-atti processwali
[37] Folio 82 ta' l-atti processwali
[38] Folio 86-87 ta' l-atti processwali
[39] Folio 132-134 ta' l-atti processwali

Ix-xhud spjegat li l-anzjana qaltilha

*"Bdiet tghajjat li dahal halliel, dahal halliel".*[40]

F'dan ir-rigward ix-xhud esebit ir-rapport li ttiehdet dak in-nhar u miktub minnha stess[41] li jghid li

*"Ahna bqajna mas-sinjura fejn qaltilna li l-halliel qalilha biex taghtih il-flus u beda jqalleb kollox. X'hin raha taghfas il-pendent il-halliel harab u bdiet tghajjat ghall-ghajjut."*[42]

In kontro ezami x-xhud ikkonfermat li l-vittma ma ddeskrivitix il-halliel u l-anqas ma qaltilhom li kienet wegghet.[43]

Mix-xhieda ta' Dr. Martin Mallia[44] li esebixxa kopja tac-certifikat mediku[45] irrizulta l-vittma kellha *"barxa fuq in-naha ta' barra tal-ghajn tal-lemin, iva, u kellha daqsxejn demm fil-ponta ta' imnehrilha jigifieri demm akkumulat taht il-gilda."*[46]

Ix-xhud stqarr li dawn il-griehi setghu graw ghal diversi ragunijiet inkluz li setghet waqghet, jew habtet ghajnejha ma xi haga jew anke xi daqqa ta' ponn zghira.

Dwar id-dinamika ta' l-incident ix-xhud stqarr li l-vittma qaltlu

*"u niftakar tghidli li qabadha hekk, jigifieri mhux daqqa ta' ponn, qabadha minn wiccha."*

Ikompli jghid dwar il-griehi:

---

[40] Folio 133 ta' l-atti processwali
[41] Dok MB1, Folio 135 ta' l-atti processwali
[42] Folio 135 ta' l-atti processwali
[43] Folio 134 ta' l-atti processwali
[44] Folio 154-157 ta' l-atti processwali
[45] Dok MM1, Folio 158 ta' l-atti processwali
[46] Folio 154 ta' l-atti processwali

*"Jekk kellha demm, jekk bniedem jaghfas johrog id-demm hu! Jekk inti taghfas lil xi hadd jew taghfsu, johrog demm taht il-gilda."*[47]

Mir-rapport ta' l-esperti forensici PS 959 Daniel Formosa u PS 122 Arthur Borg[48] irrizulta irrizulta li nhar it-3 ta' Marzu 2017 ghal-habta tad-21.40hrs attendew gewwa l-indirizz 8 Triq il-Karmnu, Rahal Gdid. Gie nnotat ukoll li fl-entrata kien hemm basket tal-karti kif ukoll envelop mal-art. Seta jig nnotat ukoll illi fil-kamra tal-pranzu fuq il-mejda kien hemm diversi affarijiet mifruxa kif ukoll kien hemm manku ta' turnavit mal-art taht l-istess mejda.

Minn ezamijiet forensici, l-esperti sabu marki fuq envelop li kien ma l-art fl-intrata tal-fond.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Settembru tas-sena 2017 l-espert Joseph Mallia gie mahtur u awtorizzat mill-Qorti sabiex jiehu kopja tal-impronti digitali u l-marki tal-pala tal-idejn ta' l-imputat kif ukoll jaghmel ezami komparattiv.

Illi mir-rapport u x-xhieda ta' l-espert Joseph Mallia[49] jirrizulta li kien hemm zewg *lifters* u mill-ezami komparattiv li sar irrizulta li wahda mill-impronti ma kienitx tajba ghal-finijiet ta' komparazzjoni u fir-rigward il-*lifter* l-ohra irrizulta li kienet taqbel u "*kienet identika mas-subgha l-kbir tal-id il-leminija tal-istess Fabian Vella."*[50]

Illi fir-rapport jinghad

*"Illi l-esponent ghamel ezami komparattiv bejn l-impronta li tidher zviluppata u ssigillata permezz tal-lifter dokument 17 APJ 301 u l-formula tal-marki tal-impronti digitali ta' Fabian Vella...... irrizulta illi din l-impronta taqbel pozittivament…."*[51]

---

[47] Folio 156 ta' l-atti processwali
[48] Dok DF1, Folio 66-70 ta' l-atti processwali
[49] Folio 151-153, Dok FV1
[50] Folio 152 ta' l-atti processwali
[51] Folio 3 tar-rapport ta' l-espert

Illi fir-rapport ta' PS 122 Arthur Borg u PC 959 Daniel Formosa Dok 17 APJ 301 huwa deskritt bhala

*"Marka misjuba fuq envelop li kien mal-art fl-intrata tal-fond."*[52]

B'hekk m'hemmx dubju mill-ezamijiet forensici li l-imputat kien f'xi hin gewwa r-residenza in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrijiet[53] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-21 ta' Marzu 2017 (wahda fl-ghaxra ta' filghodu u ohra fl-erba ta' wara nofs inhar) u fit-2 ta' April 2017 fid-21.26 ta' filghaxija, u cioe madwar xahar wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Rahal Gdid fl-ufficju ta' l-Ispettur Chantelle Casha fil-prezenza ta' PC1400 Matthew Vella, PC 531 Jurgen Vella u PS15 Cyril Butters rispettivament, u dan wara li kien inghatalu s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih.[54]

Illi fl-istqarrijiet tieghu l-imputat Fabian Vella ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija tat-2 ta' April 2017 jirrizulta li l-imputat jammetti li hadilha somma ta' flus fl-ammont ta' ghoxrin euro (€20).

---

[52] Folio 68 ta' l-atti processwali

[53] Dok CC5, CC6, CC88, Folios 29-36 ta' l-atti processwali

[54] Dok CC4, CC7, Folio 28, 32 ta' l-atti processwali

*"Habbatila u fethet gheditila ta' l-ilma, dhalt wara il-bieb u gheditilha biex ittini xi haga tal-flus qaltli ma ghandix, kella €20 u hadta."*[55]

L-imputat jispjega li hu ikkonvincija biex tiftahlu billi qalilha li gie sabiex jezaminalha l-meter ta' l-ilma u b'hekk hi fethitlu volontarjament. Meta kien gewwa

*"L-ewwel saqejta fejn kien il-meter, imbaghad tlabta xi haga tal-flus qaltli ma ghandix hlief dik l-€20 li kella fuq il-mejda, kienet fuq il-mejda u hadta."*[56]

Jikkonferma wkoll li talabah l-flus ghaliex hu ma kellux flus.

*"insistejt ghal-aktar flus ovja imma la baqat tghidli ma kellix tlaqt il-barra."*[57]

L-imputat minn naha tieghu tenna li hu qatt ma kkaguna griehi lill-anzjana.

*"Le mill-ewwel ghedtlek li ma misejtix*

*Jien qatt ma missejta, kif fethet il-bieb resqet lura, habtet mal-mejda u waqet mal-art. Jien zgur ma misejtix anzi hin minnhom pruvajt nghina biex tqum ukoll jekk qaltlek."*[58]

**Ikkunsidrat**

Illi mill-assjem tal-provi kollha prodotti jirrizulta b'mod car li l-imputat kien fil-post ta' l-incident. Min-naha l-ohra, il-vittma qatt ma kienet iltaqt mieghu, la kien jafu u lanqas qatt dahhlitu go darha. Proprju ghalhekk, din il-Qorti hija ghal kollox konvinta li ma jistax jinghad li dawk l-impronti ta' l-imputat setghu kienu hemm f'cirkostanzi ohra.

---

[55] Folio 33 minn wara ta' l-atti processwali
[56] Folio 34 ta' l-atti processwali
[57] Folio 34 minn wara ta' l-atti processwali
[58] Folio 34 ta' l-atti processwali

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Abela**[59] fejn gie ritenut:

*"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."*

F'din il-kawza il-Qorti kienet ghamlet distinzjoni bejn impronti li jinstabu f'postijiet pubblici li fihom imorru hafna nies u impronti li jinstabu f'residenza u tenniet li l-prova tal-impronti digitali ghandha tkun sufficjenti bies tissodisfa l-oneru tal-prova w legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova.

Illi skond l-awtur **BLACKSTONES** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-

*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."*

Illi skond l-awtur l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :- *"A person may be identified by fingerprints alone"* : R. v Castleton , 3 Cr. App. R 74 CCA".

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat ma kienx jaf il-vittma u ma kien ebda raguni ghalfejn kellu jkun hdejn ir-residenza taghha b'tali mod li jiggustifika l-agir tieghu. Il-Qorti tara li din il-prova hija determinati w univoka bizzejjed biex torbot lill-imputat mas-serqa saret ghand il-vittma. Illi mill-evidenza

[59] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 28 ta' Mejju 1998

jirrizulta b'mod car li l-imputat dahhal fid-dar u qalleb l-affarijiet u anke aggrediha sabiex ikun jista jisraqha.

Di piu', meta din il-Qorti tqis l-oggetti li kienu misruqa, il-vizzju tad-droga li kien ibati minnu l-imputat f'dak iz-zmien, u l-valur tal-oggetti misruqa, tkompli tinforza l-mottiv ghalfejn l-imputat wettaq din is-serqa.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha b'mod suffijenti fir-rigward serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-lok u sejra tghaddi sabiex issibu hati ta' l-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet.

Fir-rigward ir-reat tar-ricetazzjoni skont it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti qiset li din il-imputazzjoni nghatat bhala alternattiva tar-reat principali tas-serq u in vista ghal fatt li r-reat tas-serq gie sodisfacentement ippruvat, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Il-hames u s-sitt imputazzjonijiet**

**Is-serqa mill-muzew tas-subien gewwa Hal-Tarxien**

Illi skond ir-rapport tal-pulizija[60] gie rapport minn rapprezentanti tal-muzew li nhar it-2 ta' Marzu 2017 ghal-habta tat-tmienja ta' filghaxija gie nnutat li kaxxa tal-metal bil-flus giet nieqsa wara li thalliet fuq mejda gewwa l-muzew tas-subien li jinsab 63, Triq it-Tempji Neolitici, Tarxien. Illi f'postha instab flixkun tal-Fanta li thalla hemmhekk. Waqt il-lezzjoni, s-Sur Magro stqarr li nduna b'siluwett ta' persuna ghaddejja u meta saqsa jekk din il-persuna rieditx xi haga, saqsieh meta jista jibda ggib it-tifel tieghu. Illi kien wara li l-lezzjoni spiccat li nduna li l-kaxxa tal-flus kienet sparixxit u mar ra lil hadd fl-iskola hlief it-tfal.

[60] Dok CC1, Folio 15-18 ta' l-atti processwali

Fl-istess rapport tal-pulizija hemm imnizzel:

*"It is to be noted that the catholic school was open and anyone could enter inside and also the room where the box was open and anyone can get insider there as well."*

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[61] ta' l-imputat ittiehdet nhar it-2 ta' April 2017 fid-21.26 ta' filghaxija, u cioe madwar xahar wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Rahal Gdid fl-ufficju ta' l-Ispettur Chantelle Casha fil-prezenza ta' PS15 Cyril Butters u dan wara li kien inghatalu s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih.[62]

Illi fl-istqarrija l-imputat Fabian Vella ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna.

L-imputat jinnega li kien hu li ha l-kaxxa tal-metal mimlija b'donazzjonijiet ta' flus filwaqt li jikkonferma li kien mar il-muzew tas-subien biex isaqsi minhabba tifel ta' habib tieghu li jismu Darren Mangion.

Meta gie ikkonfrontat dwar il-flixkun tal-luminata li thalliet warajh bl-impronti tieghu jghid li *"jista jkun li halejt il-flixkun waraja."*[63]

Meta gie mistoqsi jispjega kif il-kaxxa giet nieqsa wara li telaq hu, stqarr li ma kellux idea.

---

[61] Dok CC8, Folios 33-36 ta' l-atti processwali
[62] Dok CC7, Folio 32 ta' l-atti processwali
[63] Folio 35 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' PS 1336 Luke Vella Casha[64] jirrizulta li dan il-flixkun tal-Fanta zgur ma nxtarax minn gewwa l-muzew minhabba l-fatt li huma jbieghu d-ditta Miranda u mhux Fanta. Meta ghamlu verifiki mal-kollegi taghhom irrizulta li hadd minnhom ma dahhal dan il-flixkun gewwa l-muzew u li dan il-flixkun dahhal meta ttiehdet il-kaxxa bil-flus.

Ix-xhud kompla jghid li s-Superjur hareg mill-lezzjoni u kkonfronta lill-imputat ghaliex kien imhasseb bl-agir tieghu peress li kien jidher agitat u li ra li ma kellux mod biex jevitahom u jitlaq minghajr ma jindunaw bih.

Mix-xhieda ta' John Magro[65] jirrizulta li huwa s-Superjur tal-Muzew ta' Hal-Tarxien u li l-kaxxa tal-flus li nsterqet hija propjeta tal-Muzew. Ix-xhud jikkonferma li l-incident in kwistjoni sar fit-3 ta' Marzu 2017 u li dak in-nhar l-imputat kien fil-bini tal-muzew. Meta saqsieh x'kellu bzonn saqsieh informazzjoni dwar meta jkun jista jibda ggib it-tifel tieghu ghal-muzew.[66] Wara din il-konverzazzjoni qasira kompla lura bit-taghlim u ma regghax ra l-imputat.

Ix-xhud meta ta x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti ikkonferma l-identita' ta' l-imputat bhala l-persuna li kien ra dan in-nhar.

Mix-xhieda ta' Magro jirrizulta li access ghal bini tal-Muzew kien facli billi dak iz-zmien kienu ihallu zewg bibien miftuhin, wiehed minnhom b'molla u bieb iehor li kien jithalla miftuh ghat-tfal li jaslu tard. Dak in-nhar tas-serqa l-kaxxa li nsterqet kienet fil-kcina u wiehed setgha jasal ghal-kcina facilment miz-zewg bibien. L-ahhar persuna li ra l-kaxxa kien habib tax-xhud li huwa wkoll membru tal-Muzew. Magro ikkonferma wkoll li fuq il-mejda tal-kcina fejn

[64] Folio 37-42 ta' l-atti processwali
[65] Folio 43-52 ta' l-atti processwali
[66] Folio 44 ta' l-atti processwali

kienet il-kaxxa tal-flus instab flixkun tal-Fanta li ma kienx inxtara minn gewwa l-Muzew peress li gewwa l-Muzew kienu ibieghu luminata tad-ditta Miranda.

In kontro ezami x-xhud jikkonferma li meta tkellem ma' l-imputat hu kien fil-bieb tal-Muzew u ma rahx diehel gol-bini jew gol-kcina.[67] Meta kellem l-imputat seta jara biss l-id il-leminja tieghu biss u f'dik l-id ma ra xejn filwaqt li l-id l-ohra kienet wara l-bieb u ma setghax jara u jghid jekk kellux xi haga fiha. Illi qabel dan l-incident qatt ma kellhom kaz ta' serq fis-sentejn u sebgha xhur li kienu ilu involut mal-Muzew.

Mix-xhieda ta' Christopher Catania[68] irrizulta li huwa socju tal-Muzew tas-subien ta' Hal-Tarxien u li nhar it-3 ta' Marzu 2017 ghal habta tas-sebgha neqsin kwart sab il-kaxxa tal-metal mimlija b'donazzjonijiet ta' flus nieqas. Ix-xhud ikkalkula li kellha bejn wiehed u iehor hamsin euro (€50) u hu kien responsabbli ghaliha.

L-ahhar li kien ra kien ghal-hin tas-sitta ta' filghaxija u kienet fuq il-bank tal-kcina. Sussegwentement induna li kienet nieqsa ghas-sebgha neqsin kwart. Ix-xhud spjega li l-Muzew jinsab fuq pjan terran u hemm b'kollox tlett bibien li jaghmlu ma tlett toroq. Minn dawn tnejn kienu ikunu miftuhin u acessibbli.

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li dak in-nhar ma rax lill-imputat u meta induna li l-kaxxa ma baqghetx fil-kcina sab flixkun luminata f'postha tal-Fanta li kien gie ezaminat mil-forensika ghal-impronti digitali.

Mix-xhieda ta' PS122 Arthur Borg[69] rrizulta li kien ghamel ezamijiet ghal impronti digitali ghal marki tas-swaba minn fuq il-flixkun tal-plastik tal-marka Fanta u ma kien instab xejn. Kien ukoll sar swab minn fuq l-istess flixkun stante

[67] Folio 49 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali
[68] Folio 53-61 ta' l-atti processwali
[69] Folio 125-126 ta' l-atti processwali

li kien instab il-bzieq ma ghonq il-flixkun. Ili dan kollu gie rapportat fir-rapport minnu esebit[70]

Nhar il-25 ta' Settembru 2017,[71] il-Qorti laqghet talba tal-prosekuzzjoni sabiex issir *buccal swab* minn fuq il-flixkun tal-plastik tal-marka Fanta stante li rrizulta li kien hemm *swab* li ttiehdet mill-ghonq tal-flixkun. Ghal dan il-ghan il-Qorti hatret lil Dr. Marisa Cassar bhala espert tal-Qorti sabiex taghmel l-ezami komparattiv.

Illi mix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar[72] u r-rapport minnha esebit[73] irrizulta li mill-kampjun li ttiehed mill-ghonq tal-flixkun inhareg il-profil genetiku ta' hmistax il-lok differenti. Minn ezami ta' dan il-profil irrizulta li *"hareg profil genetiku parzjali u mhallat li ma jidhirx li jaqbel ma ta' Fabian Vella ID No 646881M".*[74]

Illi mill-assjem tal-provi migbura ma jirrizultax b'mod car li bla dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li wettaq dan ir-reat. Illi mhuiex ikkontestat li l-imputat dahhal gol-muzew dak in-nhar li nsterqet il-kaxxa tal-flus.

Il-Qorti tosserva li fl-okkorenza tal-pulizija u fl-istqarrija ta' l-imputat id-data ta' l-allegat reat huwa indikat bhala t-tnejn ta' Marzu 2017 filwaqt li mix-xhieda ta' John Magro u l-akkuzi kif sussegwentement gew amendati fuq talba tal-prosekuzzjoni, l-allegat reat sehh nhar it-3 ta' Marzu 2017.

Madankollu hadd mix-xhieda ma ra din il-kaxxa ghand l-imputat u qatt ma nstabet ghandu. Mill-flixkun tal-Fanta li kienet hdejn il-kaxxa ma gewx misjuba impronti tas-swaba kompatabbli ma l-imputat u lanqas ma nharegx rizultat posittiv mill-buccal swab li jindika li dak il-flixkun thalla hemm mill-

[70] Dok AB1, Folio 127-129 ta' l-atti processwali
[71] Folio 126 ta' l-atti processwali
[72] Folio 243-244 ta' l-atti processwali
[73] Dok MC1, Folio 245-247 ta' l-atti processwali
[74] Folio 246 ta' l-atti processwali

imputat. Stante li l-access ghal go bini kien facli u miftuh ghal-kulhadd ma jistax jinghad sal-grad tal-certezza morali li kien l-imputat li ha l-kaxxa. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jinnega u jichad li kien hu li ha din il-kaxxa bil-flus u dan qed jinghad ghaliex fl-istess stqarrija l-imputat kien ammetta ghal serqiet ohrajn filwaqt li ghal din is-serqa l-imputat baqa jichad li kienu hu. Ghalkemm il-kaz tal-prosekuzzjoni jaqa' fil-parametri tal-possibli u l-probabbli din il-Qorti fil-kamp penali ma tistax issib htija meta l-provi jasslu biss sa dak il-livell.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tilliberah mill-hames u s-sitt imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**Is-seba u t-tmien imputazzjonijiet**

**Is-serqa minn gewwa ir-residenza ta' Teresa Micallef sitwat 57, Summit Court, Flat 3, Triq Amleto Spiteri, Qormi**

Illi skond ir-rapport tal-pulizija[75] gie rapportat minn Teresa Micallef flimkien ma familjari taghha li nhar il-20 ta' Marzu 2017 giet derubata amont ta' tlett mitt euro (€300) minn gewwa r-residenza taghha.

Illi dak in-nhar ta' l-incident l-imputat, li kienet taf minhabba li kien ghamel xi zmien rikoverat gewwa l-istess sala ta' l-isptar ma zewggha, kien mar ghandha. Illi wara li talabha sabiex turih salib ta' zewgha giet lura u rat li kien telaq minn gor-residenza taghha bil-portmoni taghha inkluz bi flus u affarjiet personali.

Mix-xhieda ta' Theresa Micallef[76] regghet spejgat u tenniet dak li kienet iddikjarat meta kien sar ir-rapport tal-pulizija.

[75] Dok CC3, Folio 22-27 ta' l-atti processwali
[76] Folio 110-114 ta' l-atti processwali

*"dahhaltu ghax ovvjament kont nafu bhala pazjent fejn ir-ragel tieghi, bdejna nitkellmu, beda jghidli fuq ommi mietet, jien ghidtlu li Joey miet u prattikament bdejna nitkellmu fuq affarijiet hekk. Meta wasal biex jitlaq ghamel sinjal li sar il-hin u sadanittant lahqet giet it-tifla mix-xoghol. Bdejna nitkellmu wkoll jigifieri talabni s-salib ta' fuq it-tebut tar-ragel tieghi ried jarrah u mort u gibtulu u wrejtulu. Sadanittant lit-tifla qallha li jixtieq jixtri karozza, bdiet turih fuq il-Maltapark. Imbaghad qisu ghal xi l-erbgha (4.00) l-erbgha u kwart (4.15) qalli: Sar il-hin ha nitlaq. Mar, in the meantime ghadda ftit tal-hin, imbaghad jien kelli bzonn immur nixtri, fittixt il-portmoney u ma sibtux."*[77]

Dan il-portmoni kien fih madwar tlett mitt Euro (€300) apparti xi flus zghar, kif ukoll dokumenti personali bhal karta ta' l-identita', licenzja u *credit cards* tal-bank.

Ix-xhud ikkonfermat li kemm in ezami kif ukoll in kontro ezami li l-imputat qatt ma thalla f'xi hin wahdu god-dar taghha kif ukoll li hi b'ghajnejha qatt ma ratu jiehu l-portmoni. Ix-xhud tikkonferma u baqghet itenni li meta gie l-imputat, il-portmoni kien fuq il-mejda fejn qaghad l-imputat, u meta telaq l-imputat kien sparixxa l-istess portmoni.

*"Qaghad bilqieghda mal-mejda fuq is-siggu fejn kien hemm il-portmoney imma konna mdawrin ahna."*

*Le kont hemmheek jiena. F'hin minnhom kien se jaqa' s-siggu u zammu ghax kellu l-gakketta mieghu, kelli l-basket imdendel kien sa jaqa' s-siggu u kien pront zammu biex ma jaqax."*[78]

Mix-xhieda ta' Chantelle Theuma, li tigi bint Theresa Micallef[79] irrizulta li dak in-nhar ta' l-allegat serqa irritornat id-dar u sabet lill-imputat fil-kcina ma

---

[77] Folio 111 ta' l-atti processwali
[78] Folio 113 ta' l-atti processwali
[79] Folio 115-117 ta' l-atti processwali

ommha. Ix-xhud tikkonferma li kemm il-darba kienet hemmhekk hi qatt ma ratt il-portmoni ta' ommha u hi qatt ma missithu.

Mix-xhieda ta' PS362 Wayne Borg[80] irrizulta li meta kien tkellem ma Theresa Micallef dwar is-serqa stqarret mieghu li

*"rat l-agir ta' Fabian daqsxejn wahda qisu mhux normali u ratu agitat ukoll u nnotat li Fabian f'daqqa wahda telaq minn fuq il-post qisu bla kliem u wara ndunaw li kien insteraq portmoney ta' lewn kanella, kafelatte li kien fih tliet mitt Euro (€300), ID card, driving liscence u cashlink tal-BOV."*[81]

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[82] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-21 ta' Marzu 2017 fl-10.00 ta' filghodu u ohra fl-16.00 ta' wara nofs in nhar, u cioe l-ghadha ta' l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Rahal Gdid fl-ufficju ta' l-Ispettur Chantelle Casha fil-prezenza ta' PC1400 Matthew Vella u dan wara li kien inghatalu s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih.[83]

Illi fl-istqarrija l-imputat Fabian Vella ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien jaf lil Teresa Micallef

80 Folio 118-119 ta' l-atti processwali
81 Folio 118 ta' l-atti processwali
82 Dok CC5, Folios 29-31 ta' l-atti processwali
83 Dok CC4, Folio 28 ta' l-atti processwali

minhabba l-fatt li waqt li kien pazjent gewwa l-isptar kien fl-istess sala mar-ragel taggha u saru hbieb.

Fl-istqarrija jikkonferma li dak in-nhar ta' l-allegat serqa kien mar ghand Teresa Micallef u dan wara li sar jaf l-indirizz sabiex ikun jista jghidilha certu ahbarijiet tieghu li sehhu wara li kienu l-ahhar li iltaqghu.

Waqt li kien ghand Teresa Micallef kien hemm bintha Chantelle u ghadu jitkellmu gewwa l-kcina taghha mal-mejda ta' l-ikel.

L-imputat tenna fl-istqarrija li hu *"lanqas ideja"*[84] ma kellu fejn kien il-portmoni ta' Micallef u lanqas rah u li ma jafx fejn kien u x'seta' sar minnu.

Iktar tard fil-gurnata fl-16.00 ta' wara nofs in-nhar l-imputat rega rrilaxxa stqarrija ohra fl-ghassa ta' Rahal Gdid fil-presenza ta' l-Ispettur Chantelle Casha u PC 531 Jurgen Vella[85] u dan wara li kien rega nghata s-soliti twissijiet u drittijiet li jikkonsulta ma l-avukat ta' fiducja tieghu, liema dritt irrinunzja ghalih.[86]

Illi f'din l-istqarrija l-imputat ghazel li jaghmel dikjarazzjoni volontarja fejn ammetta li kien hu li ha l-flus ta' Teresa Micallef.

*"Hadthom jiena Iva. Kella l-handbag imdendel mas-Siggu. Dahalt idi u sibt il-wallet u tfajtu fil-But. Imbaghad wara li tlaqt, ftaht il-wallet, hadt il-flus u armejt il-wallet go skip.*

…..

*Kelli d-dejn ma wiehed li ma nixtieqx nghid min hu u mort naqta id-dejn li kelli mieghi.*

……

[84] Folio 29 fuq wara
[85] Dok CC6, folio 31 minn wara u quddiem
[86] Dok CC7, Folio 32 ta' l-atti processwali

*Kien hemm xi €265 pero mhux iktar minn €300 kif qalet.*

……

*Iva lest li ntijomla lura*

……

*Le dhalt ikelima u nara kif inhi u kif kont hemm elbitni it-tentazzjoni u hadt il-wallet"*[87]

Illi mill-assjem tal-provi migbura, kif ukoll wara li qiset ix-xhieda tal-vittma u l-ammisjsoni ta' l-imputat li qatt ma varja jew irtira tara li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha b'mod suffijenti fir-rigward serq aggravat bil-persuna u bil-lok.

Fir-rigward ir-reat tar-ricetazzjoni skont it-tmien imputazzjoni, din il-Qorti qiset li din il-imputazzjoni nghatat bhala alternattiva tar-reat principali tas-serq u in vista ghal fatt li r-reat tas-serq gie sodisfacentement ippruvat, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Id-disa' imputazzjoni - Ksur ta' kondizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Probation kif ukoll l-addebitu tar-recidiva.**

Illi l-imputat Fabian Vella gie akkuzat wahdu ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll li jigi misjub hati tali kiser kundizzjonijiet imposti fuqu skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

[87] Folio 31 minn wara ta' l-atti processwali

Illi l-prosekuzzjoni esebit tlett sentenzi f'dawn ir-rigward. Ghandu jinghad li wahda minn dawn s-sentenzi kienet dwar serq u t-tnejn l- ohra dwar droga.

Illi fir-rigward dawn is-sentenzi l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonijiet kif ukoll mal-fedina penali.

Ghaldaqstant mill istess verbali tas-seduti ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ta' l-ufficjal prosekutur sabiex jikkonfermaw dawn is-sentenzi. Ma dan kollu l-Qorti xorta tqis is-sentenzi in kwistjoni bhala validi in vista tal-fatt li l-konotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-21 ta' Gunju 2016 moghtija mill-Magistrat (dak iz-zmien) Dr. Aaron Bugeja[88] l-imputat fuq ammissjoni tieghu stess tqieghed fuq ordni ta' probation skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena. Illi r-reati ta' serq mertu ta' din il-kawza saru f'Marzu ta' 2017 u cioe entro t-terminu tal-perjodu operattiv ta' sena ta' l-Ordni tal-Probation.

Illi b'din is-sentenza l-Qorti tqis li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni tal-Probation u sejra tghaddi sabiex issibu hati tad-disa' imputazzjoni dedotta kontrih.

Madankollu stante li l-imputat kien tqieghed taht Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dan il-kaz, sentenza fejn il-persuna jinghata piena skont il-Kapitolu 446 ma jistax jitqies li huwa recediv. F'dan ir-rigward Il-Qorti taghmel referenza sentenza **Il-Pulizija vs Christopher Agius** mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004

[88] Folio 116-118 ta' l-atti processwali

kif ukoll għas-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** fejn il-Qorti stqarret li la darba s-sentenza mgħottija hija ta' Ordni ta' Probation jew jiġi liberat bil-kundizzjonijiet dawn ma jikkostitwixxu kundanna u ma jistgħu jittieħdu ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Għaldaqstant din is-sentenza mhix ser tiġi kkunsidrata bħala prova tar-recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tat-3 ta' Ottubru 2012 mogħtija mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia[89], l-imputat fuq ammissjoni tiegħu stess tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza.

Illi a skanz ta' ripetizzjoni u kif diġa tenniet din il-Qorti aktar il-fuq f'din is-sentenza stante li l-imputat kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jitqies li huwa recediv u l-Qorti terġa tagħmel referenza għas-sentenzi **Il-Pulizija vs Christopher Agius** u **Il-Pulizija vs Stephen Zahra** msemmija aktar hawn fuq.

Illi fir-rigward is-sentenza esebita tal-21 ta' Jannar 2013 mogħtija mill-Maġistrata Dr. Marse-Ann Farrugia[90], l-imputat fuq ammissjoni tiegħu stess ġie ikkundannat multa ta' ħames mitt Euro (€500). Sussegwentement il-prosekuzzjoni ressqet il-prova illi dik is-sentenza ġiet skontata permezz tal-ħlas tal-multa.[91]

Illi l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jgħid hekk:

[89] Folio 122-124 ta' l-atti processwali
[90] Folio 119-121 ta' l-atti processwali
[91] Dok CCX3, Folio 356- 357 ta' l-atti processwali

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk, l-addebitu tar-recidiva japplika jekk wara kundanna, il-malvivent jaghmel atti kriminali li jikkostitwixxu reat. F'dan il-kaz, l-atti kriminali li bihom gie mixli l-imputat f'din il-kawza huma precedenti ghall-kundanna tas-sentenza tal- 21 ta' Jannar 2013. Konsegwentement, l-addebitu tar-recidiva jista jinghad li jirrizulta a bazi ta' din is-sentenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li permezz ta' din is-sentenza l-imputat jista jigi kkunsidrat recidiv.

Illi l-Qorti tara li din is-sentenza kienet rigward droga u mhux serq.

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Ghaldaqstant stante li s-sentenza valida hija rigward droga u mhux serq din il-Qorti tqis li l-addebitu tar-recidiva gie sufficjentement ippruvat skond il-ligi u f'kaz ta' htija l-imputat ghandu jigi meqjus bhala recidiv skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux skond l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi flimkien mad-dispossizzjonijiet tal-ligi li jipprovdu l-artikolu 17 fir-rigward il-konkors ta' reati u pieni u skala tal-piena skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali.

- Il-fedina penali ta' l-imputat li giet esebita mill-prosekuzzjoni u hija aggornata sat-3 ta' April 2017.[92] Mil-fedina jirrizulta li l-imputat kellu sentenzi registrati kontrih relatati mad-droga illecita.
- Fil-kaz ta' Giuletta Lughermo ghandu jigi deplorat li dan sar f'dar privata ta' mara anzjana, li kienet wahdiha f'sitwazzjoni vunerabbli fejn ma

[92] Dok CC2, Folio 5-6 ta' l-atti processwali

setghet taghmel xejn u ghazel li jaghmel reat li tinvolvi wahda mill-aktar kategorija ta' nies vunerabbli li ta' dik l-eta' thalli impatt enormi fuq is-sahha u s-sigurta taghha.

- L-imputat qatt ma wera rimors ghar-rigward ir-reati li wettaq fil-konfront ta' Giuletta Lughermo u qatt ma ta apologija jew offra li jirritorna l-flus misruq minnu. Irrizulta wkoll li l-vittma kienet taf lill-familja u partikolarment omm l-imputat sew.[93]
- L-imputat huwa recidiv u skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali din il-Qorti tista meta taghti piena izid l-istess piena bi grad wiehed.
- Fil-kaz ta' Teresa Micallef kien hemm ksur ta' fiducja li dahal go dar ta' mara li armlet f'cirkostanzi fejn kien hemm abbuz tal-hbiberija taghhom.
- L-imputat wera dispjacir ta' dak li ghamel lil Teresa Micallef u lest li jrodd lura l-flus li seraq hekk kif stqarr fl-istqarrija tieghu

  *"M. Jidispjacik talli ghamilt?*

  *T. Hafna u lest li nrodd il-flus lura kif ukoll il-Flus"*.[94]

- L-imputat ibaghti minn vizzju tad-droga eroina liema vizzju kien hakkmu fiz-zmien tar-reati in kwistjoni hekk kif ikkonferma l-imputat stess fl-istqarrija tieghu[95]. Illi minhabba dan il-vizzju spicca waqa fid-dejn sabiex ikun jista jkompli jabbuza mid-droga eroina.

- Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-*social inquiry report* li gie mitlub mill-imputat u esebit in atti.[96] Mir-rapport jirrizulta li l-imputat kellu trobbija tajba u felici minn familtu fejn ma kien jonqsu xejn. Madankollu kien ghadda minn

[93] Folio 88 ta' l-atti processwali
[94] Folio 31 minn wara ta' l-atti processwali
[95] Folio 35 minn wara ta' l-atti processwali
[96] Dok MF1, Folio 302-336 ta' l-atti processwali

trawma relatata ma abbuz li halliet effett devastanti fuq hajtu[97] u wasslet biex dahhlitu f'cirku ta' abbuz ta' droga u xilef difrejgh mal-ligi xejn inqas minn disa' darbiet saz-zmien tar-rapport. Minjekka diversi tentattivi sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga baqa bil-vizzju alavolja kien kapaci zzomm xoghol regolari.

- Mill-istess rapport il-vittma Theresa Micallef tiddeskrivi l-imputat bhala "*bniedem makakk hekk kif ha vantagg mill-vulnerabbilta' taghha*" u li *"dan il-kaz affetwaha ghaliex ghandha l-biza' li xi hadd se jidhlilha d-dar u terga tisfa' vittma ta' serq."*[98]

-Illi dan l-incident sehh f'Marzu tas-sena 2017 u b'hekk qabel l-introduzzjoni ta' l-Att Numru XIII tal-2018 u Att XXXII tal-2018 meta l-ligi giet emendata fis-sens li l-piena ghal dan ir-reat giet mizjuda ghal piena ta' prigunerjia ghal perjodu ta' zmien mhux iktar minn sentejn jew il-multa.

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinghata l-piena applikabli fil-perjodu meta sehh ir-reat u mhux kif emendata illum u dan inkluz ghar-rigward id-dispossizzjonijiet li jpprovdu fejn il-piena ma tistax tinghata fil-*minimum* taghha u fejn ghandha tizdied bil-gradi relattivi.

- Fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tenniet li l-imputat kien diga ghamel seba w ghoxrin xhar[99] taht arrest preventiv qabel ma inghata l-helsien mill-arrest f'dan il-kaz nhar it-3 ta' Settembru 2019.[100]

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti

[97] Folio 307 ta' l-atti processwali
[98] Folio 305 ta' l-atti processwali
[99] L-imputat tressaq taht arrest nhar it-3 ta' April 2017 u b'hekk ghamel disa u ghoxrin xhar taht arrest.
[100] Digriet a folio 258 ta' l-atti processwali

l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tal-fatt li l-imputat huwa recediv u c-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta bir-rinviju tal-Avukat Generali u cioe:

- Fl-artikoli 261(a), 261(b), 261(e), 261(f), 262, 263, 264, 265, 266, 269, 270, 274(c), 276, 277, 278, 281, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- L-artikoli 214, 215 u 221(1) [kif kien qabel l-emendi introdotti permezz ta' Att XIII tal-2018 u Att XXXII tal-2018] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 261(e), 269, 281, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 261(d), 261(e), 268, 269, 281, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 7 u 23 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- L-artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

issib lil Fabian Vella:

**Hati** ta' l-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tas-seba' u tad-disa imputazzjoni inkluz l-addebitu tar-recidiva skond l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali (izda mhux skond l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali) u filwaqt li taghzel li titratta mieghu ghal ksur ta' l-Ordni ta' Probation tikkundannah prigunerija ta' tlettin xhar li minnhom ghandhom jitnaqqsu minn dawk gia skontati taht arrest preventiv.

**Mhux hati** tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrih u tiliberrah minn kull htija u piena dwarhom.

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tmien imputazzjonijiet in kwantu li dawn huma alternattivi ghal-ewwel imputazzjoni, li taghhom l-imputat instab hati.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda mal-piena, tordna lill-hati jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa immedjatament u fin-nuqqas li jirrestitwixxi kollox, ihallas lill Theresa Micallef u l-familja taghha l-ammont ta' tlett mitt Euro (€300) rapprezentati kumpens ghat-telf u hsara li soffrew permezz tar-reat u lil Giulia Lughermo l-ammont ta' ghoxrin Euro (€20) rapprezentati kumpens ghat-telf u hsara li soffrew permezz tar-reat fiz-zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin sabiex (1) jinghata assistenza psikologika sabiex ikun jista jindirizza t-trawmi li ghadda minnhom fil-passat u li kellhom impatt fuqu, (2) jindirizza l-problemi tad-droga li ghandhu.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihalls l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Fabian Vella ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma ta' hames mija u ghaxar Euro u tlieta u tmenin centezmi **(€510.83)** rapprezentanti spejjez tar-rapport ta' l-espert Joseph Mallia[101] u fl-ammont ta' hames mija wiehed u tlettin Euro **(€531.00)** ta' l-espert Dr. Marisa Cassar.[102]

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar is-7 ta' Frar 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

[101] Folio 153 ta' l-atti processwali
[102] Folio 247 ta' l-atti processwali